ITTRA TAD-DRITTIJIET GĦAT-TFAL, SPJEGATI LILL-OMMIJIETHOM, LILL-MISSIRJIETHOM JEW LILL-GWARDJANI LEGALI TAGĦHOM

KUN AF ID-DRITTIJIET TA' TFAL TIEGĦEK!

Jekk huma jinsabu qabel il-proċess



Jekk l-awtoritajiet legali jissuspettaw jew jemmnu li wliedek ikkommettew delitt u jiddeċiedu li hu/hi għandhom jkunu f'detenzjoni qabel il-proċess, it-tifel/tifla tiegħek għandhom **id-dritt li jinataw informazzjoni ċara u dettaljata dwar id-drittijiet tagħhom.** Tista' tgħin lit-tifel/tifla tiegħek jifhmuhom.

Il-fuljett li ġej jispjegalek dawn id-drittijiet



KUN AF ID-DRITTIJIET TA' TFAL TIEGĦEK!

Jekk huma jinsabu qabel il-proċess

Ikkofinanzjat mill-Programm Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Dan il-ktejjeb inħoloq fil-qafas tal-proġett:

Child-Friendly JT
Id-dritt tal-minorenni għal informazzjoni, traduzzjoni u interpretazzjoni fi proċeduri kriminali: Żvilupp ta' għodod li jħarsu t-tfal
JUST-AG-2016-06-760674

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

Fundación Diagrama

MIN HUMA L-AWTORITAJIET LEGALI?

Huma n-nies li jaħdmu fil-qrati jew tribunali, bħal imħallfin, maġistrati u prosekuturi.



DETENZJONI TA' QABEL IL-PROĊESS

Dan meta l-imħallef jiddeċiedi li trid tkun f'detenzjoni qabel ma jkun sar il-proċess tiegħek.

1 ID-DRITT GĦALL-INFORMAZZJONI

It-tifel/tifla tiegħek għandhom id-dritt li jkunu nfurmat b'mod ċar u sempliċi dwar id-drittijiet tagħhom u dwar aspetti ġenerali tat-tmexxija tal-proċedimenti (ir-rwol tal-awtoritajiet involuti, il-passi li jmiss fil-proċeduri - meta jkun possibbli-, eċċ.)

It-tifel/tifla tiegħek għandhom jirċievu din l-informazzjoni bil-miktub, bil-fomm jew it-tnejn. Jekk hemm xi ħaġa li ma jifhmux, huma jistgħu jistaqsu.

2 ID-DRITT GĦAL AVUKAT

It-tifel/tifla tiegħek għandu d-dritt jikkomunika mal-avukat dwar il-każ tagħhom, bil-miktub jew bit-telefown. L-avukat tagħhom jista' wkoll iżurhom.

Il-konversazzjonijiet li jkollhom se jkunu privati.

3 ID-DRITT GĦAL EŻAMI MEDIKU

It-tifel/tifla tiegħek għandhom id-dritt għal eżami mediku u li jirċievu assistenza medika kull meta jkollhom bżonnu. Jistgħu jitolbu dan, jew int tista' titlob f'isimhom.

It-tifel/tifla tiegħek għandhom id-dritt li jingħataw il-medikazzjoni u l-ħtiġijiet tad-dieta kif preskritt mit-tabib.

It-tifel/tifla tiegħek mhux se jkollhom bżonn iħallsu għal din l-assistenza medika.

4 ID-DRITT GĦALL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

It-tifel/tifla tiegħek għandhom id-dritt li jirċievu edukazzjoni u taħriġ skont il-ħtiġijiet tagħhom.



5 ID-DRITT GĦAL HAJJA TA' FAMILJA

It-tifel/tifla tiegħek għandu jkollhom id-dritt li jżommu kuntatt regolari mal-ġenituri, il-familja u l-ħbieb tagħhom permezz ta' żjarat u korrispondenza.

Kultant hemm eċċezzjonijiet: meta ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla tiegħek jew meta jista' jagħmel ħsara f'kawżi kriminali.

6 ID-DRITT LI TIPPARTEĊIPA FI PROGRAMMI

It-tifel/tifla tiegħek għandhom id-dritt li jieħu sehem fi programmi li jkattru l-iżvilupp tagħhom.

7 ID-DRITT GĦALL-LIBERTÀ TAR-RELIĠJON JEW IT-TWEMMIN

It-tifel/tifla tiegħek għandhom d-dritt li r-reliġjon u t-twemmin tagħhom jiġu rispettati.

8 ID-DRITT GĦAL OMMHOM, GĦAL MISSIERHOM, JEW GĦAL GWARDJAN LEGALI TAGĦHOM LI JKUNU INFORMATI

It-tifel/tifla tiegħek għandhom id-dritt li jingħataw l-istess informazzjoni bħalhom mill-persuni li jaħdmu fil-post fejn huma miżmuma. Pereżempju, inti għandek tkun infurmat dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, x'inhu l-istat tas-saħħa tagħhom, eċċ.

F'xi każijiet, mhuwiex fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla tiegħek għalik li tkun infurmat. F'dawn is-sitwazzjonijiet, huma jistgħu jitolbu għal adult ieħor biex jiġi infurmat. Tali adult jeħtieġ li jkun aċċettat mill-awtorità.

Eċċezzjoni oħra hija meta l-proċeduri kriminali jistgħu jiġu mħassra.

9 ID-DRITT GĦAL EVALWAZZJONI INDIVIDWALI

It-tifel/tifla tiegħek għandu d-dritt għal evalwazzjoni individwali. Il-professjonisti se jsaqsuhom dwar il-familja tagħhom, ħbiberiji, studji, eċċ.

Din l-evalvazzjoni sservi biex isir jaf liema huma l-ħtiġijiet tagħhom u tgħin biex tieħu deċiżjonijiet jew tieħu miżuri li jkunu xierqa għalihom (trattament, korsijiet, workshops, eċċ.).

10 ID-DRITT GĦALL-APPELL

Jekk it-tifel/tifla tiegħek jemmnu li d-drittijiet tagħhom mhux qed jiġu rispettati, jistgħu jagħmlu ilment lill-awtoritajiet legali.

11 ID-DRITT LI JITQIEGĦED SEPARAMENTAMENT MINN DETENUTI ADULTI

Matul id-detenzjoni ta' qabel il-prova, it-tifel/tifla tiegħek għandhom d-dritt li ma jiġix imqegħda ma' detenuti adulti.

Kultant hemm eċċezzjonijiet, iżda dawn għandhom jiggarantixxu l-benesseri tat-tifel/tifla tiegħek.